



Dħul fil-kariga ta' Membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Settembru 2016, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ħatru lil Evgeni Tanchev bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn id-19 ta' Settembru 2016 u s-6 ta' Ottubru 2021.

Fil-kuntest tat-tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, permezz ta' deċiżjonijiet tat-23 ta' Marzu 2016 u tas-7 ta' Settembru 2016, ħatru bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali lil Ricardo da Silva Passos, Paul Nihoul, Barna Berke, Ulf Christophe Öberg, Octavia Spineanu-Matei u Krystyna Kowalik-Bańczyk, għall-perijodu bejn id-19 ta' Settembru 2016 u l-31 ta' Awwissu 2022.

Fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Settembru 2016, ħatru bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali lil Ezio Perillo, Jan Passer u Alexander Kornezov għall-perijodu bejn id-19 ta' Settembru 2016 u l-31 ta' Awwissu 2019 u lil René Barents, Jesper Svenningsen kif ukoll lil Maria José Costeira għall-perijodu bejn id-19 ta' Settembru 2016 u l-31 ta' Awwissu 2022.

Permezz ta' deċiżjonijiet tas-16 ta' Settembru 2015, tat-23 ta' Marzu 2016 u tal-24 ta' Mejju 2016, il-mandati ta' Marc Jaeger, Heikki Kanninen, Savvas Papasavvas, Sten Frimodt Nielsen, Marc van der Woude, Dimitrios Gratsias, Juraj Schwarcz, Viktor Kreuschitz u Lauri Madise ġew imġedda sal-31 ta' Awwissu 2022.

Illum ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tat-teħid ta' ġurament mill-Avukat Ġenerali l-ġdid u mill-Imħallfin il-ġodda li ser jidħlu fil-kariga tagħhom.

Lċ-ċerimonja ser tixxandar diretta mis-18.00 fuq is-sit segwenti:
<http://c.connectedviews.com/cdj>

Curricula vitae tal-Membri l-ġodda

Evgeni Tanchev

imwieled fl-1952; diploma fid-dritt mill-Università Saint-Clément d'Ohrid ta' Sofia (1975); dottorat fid-dritt (1979); lecturer (1977-1984), lecturer anzjan (1984-1990), u mbagħad professur fl-Università Saint-Clément d'Ohrid ta' Sofia (1990-2013); dekan tal-fakultà tal-liġi tal-Università Saint-Clément d'Ohrid ta' Sofia (1988-1991); membru tal-kunsill leġiżlattiv fi ħdan l-assemblea nazzjonali Bulgara (1995-1997); kap tal-katedra Jean Monnet fl-Università l-Ġdida Bulgara (2002-2005); president tal-kunsill legali għall-President tal-Bulgarija (2002-2003); Imħallf (2003-2009), u mbagħad President (2009-2012) tal-qorti kostituzzjonali Bulgara; kap tal-katedra tad-dritt kostituzzjonali fil-fakultà tal-liġi tal-Università Saint-Clément d'Ohrid ta' Sofia (2013-2016); membru (2006-2016) u viċi president tal-kummissjoni ta' Venezia tal-Kunsill tal-Ewropa (2013-2015); membru tal-kunsill kostituzzjonali fi ħdan l-Ombudsman tal-Bulgarija (2015-2016); editur ta' diversi

rivisti legali; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet legali; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mid-19 ta' Settembru 2016.

Ezio Perillo

imwieled fl-1950; dottorat fid-dritt u avukat fil-kamra tal-avukati ta' Padova; assistent, u wara riċerkatur ikkonfermat fid-dritt ċivili u fid-dritt ikkomparat fil-fakultà tal-liġi tal-Università ta' Padova (1977-1982); lecturer fid-dritt Komunitarju fil-Collège d'Europe (Parma, 1990-1998), fil-fakultajiet tal-liġi tal-Università ta' Padova (1985-1987), ta' Macerata (1991-1994), ta' Napoli (1995) u fl-Università Statali ta' Milano (2000-2001); membru tal-kumitat xjentifiku tal-Master in European integration fl-Università ta' Padova; uffiċjal fi ħdan id-Direttorat tal-Biblijoteka, Riċerka u Dokumentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1982-1984); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mal-Avukat Ġenerali G. F. Mancini (1984-1988); konsulent legali tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, E. Vinci (1988-1993); Kap ta' Diviżjoni fis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew (1995-1999); Direttur tal-affarijiet leġiżlattivi u tal-konċiljazzjonijiet, tar-relazzjonijiet interistituzzjonali u tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali fi ħdan il-Parlament Ewropew (1999-2004); Direttur tar-relazzjonijiet esterni tal-Parlament Ewropew (2004-2006); Direttur tal-affarijiet leġiżlattivi fis-servizz legali tal-Parlament Ewropew (2006-2011); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet fid-dritt ċivili Taljan u fid-dritt tal-Unjoni Ewropea; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2011 sal-31 ta' Awwissu 2016; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

René Barents

imwieled fl-1951; gradwat fil-liġi u speċjalizzazzjoni fl-ekonomija (Università Erasmus ta' Rotterdam, 1973); dottorat fid-dritt (Università ta' Utrecht, 1981); riċerkatur fid-dritt Ewropew u fid-dritt ekonomiku internazzjonali (1973-1974) u lecturer anzjan fid-dritt Ewropew u fid-dritt ekonomiku fl-Istitut Ewropew tal-Università ta' Utrecht (1974-1979) u fl-Università ta' Leyde (1979-1981); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1981-1986), Kap tal-Unità "Drittijiet Statutorji" fid-Diviżjoni tal-Persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1986-1987); membru tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1987-1991); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1991-2000); Kap ta' Diviżjoni (2000-2009) u mbagħad Direttur (2009-2011) fid-Direttorat tar-riċerka u dokumentazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; professur titolari (1988-2003) u professur onorarju (mill-2003) fid-dritt Ewropew fl-Università ta' Maastricht; konsulent fil-qorti tal-appell ta' 's Hertogenbosch (1993-2011); membru tal-Akkademja Rjali tax-Xjenza tal-Pajjiżi l-Baxxi (mill-1993); diversi pubblikazzjonijiet dwar id-dritt Ewropew; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2011 sal-31 ta' Awwissu 2016; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Ricardo da Silva Passos

imwieled fl-1953; diploma fid-dritt mill-Università klassifika ta' Lisbona (1975); diploma ta' studji approfonditi mill-Università ta' Strasbourg (1978); Master of Laws mill-Università ta' Harvard (1984); prosekutur pubbliku fil-qorti tal-ewwel istanza ta' Cascais (1975-1976); ġurista fis-segretarjat tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1978-1986); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1986-1987); kap ta' diviżjoni fis-segretarjat tal-kummissjoni legali u tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Parlament Ewropew (1988-1999); membru tas-segretarjat tal-Konvenzjoni dwar il-Futur tal-Ewropa (2002-2003); kap ta' unità fis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew (1999-2010); direttur għall-affarijiet istituzzjonali u parlamentari fis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew (2010-2016); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Paul Nihoul

imwieled fl-1963; diploma fid-dritt mill-Università Kattolika ta' Leuven (1988); Master of Laws mill-Università ta' Harvard (1989); dottorat fid-dritt (1998); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1991-1995); riċerkatur fl-Università Kattolika ta' Leuven (1995-1999); professur fl-Università ta' Groningen (1999-2001) u mbagħad fl-Università Kattolika ta' Leuven (2001-2016); professur mistieden f'diversi universitajiet, fosthom fl-Università ta' Paris-Dauphine (2013-2016); president tal-Academic Society for Competition Law (2013-2016); editur prinċipali ta' diversi rivisti legali; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Barna Berke

imwieled fl-1966; diploma fid-dritt mill-Università Loránd Eötvös ta' Budapest (1990); Master of Laws mill-Università ta' Stokkolma (1995); avukat fil-kamra tal-avukati ta' Budapest; konsulent legali mal-Parlament Ungeriż fil-proċess tal-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea (1994-1996 u 2002-2004); référendaire mal-president tal-qorti kostituzzjonali Ungeriża (1997-2000); viċi president tal-awtorità tal-kompetizzjoni, u mbagħad president tal-kunsill tal-kompetizzjoni (2000-2002); arbitru mal-qorti permanenti tal-arbitraġġ tas-swieq finanzjarji u tas-swieq tal-kapital (2008-2014); lecturer (1990-1994); lecturer anzjan (1995-1999), u mbagħad lecturer anzjan assoċjat (2003-2016) fl-Università Loránd Eötvös ta' Budapest; Segretarju tal-Istat għall-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea u internazzjonali fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Jesper Svenningsen

imwieled fl-1966; studji fid-dritt (Candidatus juris, Università ta' Aarhus, 1989); avukat stagiaire mal-konsulent legali tal-Gvern Daniż (1989-1991); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mal-Avukat Ġenerali C. C. Gulmann (1991-1993); ammess fil-kamra tal-avukati tad-Danimarka (1993); avukat mal-konsulent legali tal-Gvern Daniż (1993-1995); lecturer fid-dritt Ewropew fl-Università ta' Kopenħagen; lecturer anzjan fl-Institut européen d'administration publique (IEAP) (il-Lussemburgu, 1995-1997); avukat fil-kamra tal-avukati ta' Brussell (1997); lecturer anzjan u sussegwentement aġent direttur tal-IEAP (il-Lussemburgu, 1997-1999); amministratur fi ħdan is-servizz legali tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA) (1999-2000); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej mal-Imħallef Gulmann (2003-2006), u sussegwentement mal-Imħallef L. Bay Larsen (2006-2013); Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-7 ta' Ottubru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Ulf Christophe Öberg

imwieled fl-1966; diploma fid-dritt mill-Università ta' Stokkolma (1991); diploma fit-traduzzjoni legali Franċiż-Ingliš mill-Università ta' Paris II, Panthéon-Assas (1991); diploma ta' studji superjuri speċjalizzati mill-Università ta' Paris I, Panthéon-Sorbonne (1992); diploma mill-istitut ta' studji politiċi ta' Pariġi (1993); riċerkatur mal-aġenzija għar-riċerka tad-difiża nazzjonali Svediża (1992 u 1994); parteċipazzjoni fil-programm ta' taħriġ għall-uffiċjali Svediżi (1993-1994); konsulent legali għall-affarijiet Ewropej mal-Ministeru għall-affarijiet barranin (1994-1995); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1995-2000); lecturer fl-Università ta' Stokkolma (2000-2016); ġurista (2001-2006), u mbagħad avukat (2006-2016); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Octavia Spineanu-Matei

imwielda fl-1967; gradwata fid-dritt mill-Università Alexandru Ioan Cuza de Iasi (1990); dottorat fid-dritt (1999); Imħallef fil-qorti tas-settur 4 ta' Bukarest (1991-1996); Imħallef (1996-1999) u president ta' sezzjoni (1997-1999) fil-qorti ta' Bukarest; Imħallef (1999-2005) u president ta' sezzjoni (1999-2003) fil-qorti tal-appell ta' Bukarest; membru tal-awla manja tal-appelli fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (2006-2016); lecturer u mbagħad direttur tal-istitut nazzjonali tal-maġistratura (2011-2016); Imħallef fil-qorti għolja ta' kassazzjoni u ta' ġustizzja tar-Rumanija (2006-2016); membru tal-kunsill xjentifiku tal-istitut nazzjonali tal-maġistratura u tal-kunsill tat-tmexxija tal-iskola nazzjonali għar-reġistraturi (2011-2016); membru elett tal-kunsill tal-iskola dottorjali tal-Università ta' Bukarest (2012-2016); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Maria José Costeira

imwielda fl-1967; diploma fid-dritt mill-Università ta' Coimbra (1991); studji postuniversitarji fid-dritt tal-proprjetà intellettuali fl-Università ta' Lisbona (2001); avukat bi prova (1991-1992); uffiċjal ġudizzjarju bi prova (1992-1995); Imħallef fil-qorti tal-ewwel istanza (1995-1997); Imħallef fil-qorti kummerċjali ta' Lisbona (1999-2016); Imħallef fil-qorti tal-appell ta' Coimbra (2016); attività ta' tagħlim fid-dritt f'diversi universitajiet Portugiżi u fl-iskola nazzjonali tal-maġistratura; segretarju ġenerali (2012-2015) u mbagħad president (2015-2016) tal-assoċjazzjoni tal-Imħallfin Portugiżi; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Jan M. Passer

imwieled fl-1974; diploma fid-dritt mill-Università Karlova ta' Praga (1997) u Master of Laws mill-Università ta' Stokkolma (2000); dottorat fid-dritt (2007); lecturer fid-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università Karlova ta' Praga (2001-2003) u fl-akkademja tal-ġustizzja tar-Repubblika Ċeka (2001-2016); uffiċjal ġudizzjarju bi prova fil-qorti muniċipali ta' Praga (1997-2001); Imħallef fil-qorti distrettuali ta' Praga 2 (2001-2005); Imħallef fil-qorti amministrattiva suprema tar-Repubblika Ċeka (2005-2016); lecturer fil-fakultà tal-liġi tal-Università Masaryk ta' Brno (2006-2016) u fl-Università Palacký ta' Olomouc (2014-2016); kollaboratur legali fil-Ministeru tal-Ġustizzja (2010-2016); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Krystyna Kowalik-Bańczyk

imwielda fl-1976; diploma fid-dritt mill-Università ta' Gdańsk (1999); diploma ta' studji approfonditi mill-Università tax-xjenzi soċjali ta' Toulouse (2000); Master of Laws fid-dritt Ewropew mill-Collège d'Europe (2002); dottorat fid-dritt (2004); lecturer fid-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università teknika ta' Gdańsk (2010-2016); lecturer anzjan (2006-2014), u mbagħad professur assoċjat (2014-2016) fl-istitut ta' studji legali tal-akkademja tax-xjenzi tal-Polonja; koeditur u parteċipazzjoni fi ħdan diversi rivisti legali; awtur ta' diversi publikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Alexander Kornezov

imwieled fl-1978; diploma fid-dritt mill-Università Saint-Clément d'Ohrid ta' Sofia (2002) u Master of Laws fid-dritt Ewropew tal-Collège d'Europe (Bruges, 2004); dottorat fid-dritt (2008); avukat fil-kamra tal-avukati ta' Brussell (2004-2006); lecturer anzjan fid-dritt proċedurali tal-Unjoni Ewropea fl-Università tal-ekonomija nazzjonali u dinjija ta' Sofia (2008-2012) u fl-Università Saint-Clément d'Ohrid ta' Sofia (2010-2013); professur assoċjat tad-dritt tal-Unjoni Ewropew u tad-dritt internazzjonali privat fl-akkademja Bulgara tax-xjenzi (mill-2014); lecturer mistieden fl-Università ta'

Cambridge u fil-Università Kattolika ta' Leuven; référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (2007-2016); fundatur u membru tal-komitat tat-tmexxija tal-assoċjazzjoni Bulgara għad-dritt Ewropew; editur prinċipali tal-ġurnal tad-dritt Ewropew "Evropeiski praven pregled"; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt Ewropew; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mit-13 ta' April 2016 sal-31 ta' Awwissu 2016; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mid-19 ta' Settembru 2016.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355/3366